I

(Riżoluzzjonijiet, Rakkomandazzjonijiet u Opinjonijiet)

RAKKOMANDAZZJONIJIET

BANK ĊENTRALI EWROPEW

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tad-29 ta' Novembru 2007

lill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni tal-Bank Ċentrali ta' Malta

(BĊE/2007/17)

(2007/C 304/01)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem "l-Istatut tas-SEBĊ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Eurosistema huma vverifikati minn awdituri esterni indipendenti rrikkmandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea.

(2) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/504/KE ta' l-10 ta' Lulju 2007 skond l-Artikolu 122(2) tat-Trattat dwar l-adozzjoni minn Malta tal-valuta waħda fl-1 ta' Jannar 2008 ([1]), Malta issa tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-adozzjoni ta' l-euro, u d-deroga favur ta' Malta msemmija fl-Artikolu 4 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003 hija abrogata b'effett mill-1 ta' Jannar 2008.

(3) Bis-saħħa ta' l-Artikolu 20 ta' l-Att kif emendat dwar il-Bank Ċentrali ta' Malta, li jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2008, l-istqarrijiet finanzjarji annwali tal-Bank Ċentrali ta' Malta huma vverifikati skond l-Artikolu 27 ta' l-Istatut tas-SEBĊ.

(4) Il-Bank Ċentrali ta' Malta għażel lil PricewaterhouseCoopers u Ernst & Young bħala l-awdituri esterni indipendenti konġunti għas-sena finanzjarja 2008,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrikkmandat li PricewaterhouseCoopers u Ernst & Young għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni konġunti tal-Bank Ċentrali ta' Malta għas-sena finanzjarja 2008.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fid-29 ta' Novembru 2007.

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

([1]) ĠU L 186, 18.7.2007, p. 29.